# SQALLI, TALJAN JEW SEMIN?

**Ta' Michael Agius**

Xi drabi ssib xi Malti li jgħidlek (għal xi kliem Malti li jixbah ieħor Taljan jew Sqalli) illi dak ħadnieh mill-Isqalli jew mit-Taljan, u jieqaf hemm; bla ma joqgħod iqis u jgħarbel minn fejn ġew jew kif inħoloq u jekk jaqbelx fit-tifsir tiegħu ma' dak tal-Malti. Hu kollu minnu illi fil-Malti għandna kliem li ssellifnieh mit-Taljan u mill-Isqalli, imma jista' jara aktar 'il quddiem.

L-etimoloġija (nisel il-kliem) titlob li wieħed għandu jmur lura kemm jista' jkun sakemm isib fejn twieldet, u minn liema lsien tnisslet kelma, bit-tibdil u t-tifsir tagħha ma' tul ħajjitha — minn mindu nħolqot sal-lum.

Kienet din il-fehma (mhux għal kollox tajba) ta' x'uħud li ġagħlit-ni nitħajjar niġbor għadd ta' kliem ta' din il-għamla — li sa nġib hawn taħt — kliem li ma hu xejn ta' nisel Taljan jew Sqalli, imma, bil-maq-lub, insibu illi kienu dawn iż-żewġ ilsna li ssellfuh — u għamluh tagħ-hom — minn waħda mill-frieghi tas-siġra Semina.

**TAQSIRIET** — Aff — Affrika ta' fuq. C — ċekkieni (diminuttiv). F — Feniċju. Fr. — Franċiz. G — Ġermaniz. Gr — Grieg. Għ. — Għar-bi. H. — Hindustani. K. — Kanagħani. Ku — Kuptu (Abbissinjan). L — Latin. Leb — Lebaniz. Lh-Lhudi M — Masri (Eġizzjan). Mk — Mkattar (plural) Met — Metatesi.n.m.m. — nisel mhux magħruf. Pop — popolari. q. — qadim. Sans. — Sanskritt. Sard — Sardiniż. Sir — Sir-jan. Sq — Sqalli. T — Taljan. To — Tork.

ALFABETT — T. alfabeto m Gr. Alpha u Betha (A u B) m.Lh Aleph u Beth m. Fen. ALIF u Bejt. L-alfabett ħolquh il-Feniċi.

ALĠEBRA — T. alġebra m. Għ. al-gebr.

ALKALI — T. alcali m-Għ. al-Kali/qali.

ALKOOL — T. alcool m Għ. al koħl/koħol (trab biex jinżebgħu bih tebqiet il-għajn)

ALKOVA — Sq. arcova, T. alcova Sp. alcoba m-Għ. QUBBA Malti qob-ba.

ALMANAKK — T. almanacco m.Lat. almanac m.Għ. al manaku m-Lh al manah (manah - għadd)

ALWIZA — T. aloisia m. Għ ra' i al-iwezz, aw al-wazz (mergħa għall-

wiżż) Berb. el-baluiza.
ANNUNA — Sq. annuna (T. unanime m-Lat. unus animus) m.Għ annuna.
ARZNU — Sq. arzinu/arzanu m. Għ. Arz (citru) m. Lh. AREZ (citru)
ASSASSIN — T. assassino m-Lat. assasinum m.Għ. ħaxxaxin.
AZZARD — T. azzardo m.Lat ad zardum M. Għ. żar/żhar (dada).
AŻŻMU — T. azzimo. Sq. azzimu (m. T) m. Gr azimos, Għ. azzmu.
BALI' — T. bali Fr. bailli m. Tork Vali. Għ qali (gvernatur)
BAGATELLA — Sq. bagatella, Sp. bagatela Fr. bagatelle Għ Batil
BALDAKKIN — Sq baldacchino Sp. u Fr. baldaquin m. Mesopotam (Bagdad) baldakk.
BALLATA — Sq. balata m.Għ. balata
BALLAT — Sq. balatari/abbalatari m. Għ Balata
BAN — Sq. libbanu m-Għ ban/Tibn (ħabel tat-tiben)
BARDAXXA — Sq. bardascia, T. bardassa (tifel imqareb) Sp. bardaxa Fr. bardache m-Għ Bardis.
BASTA — Sq. T. basta m-Għ Bas
BATA — Sq. pati (m-T patire — M.Għ bata)
BERDGHA — Sq. varda, barda. Sp. albarda m-Għ barda'a
BORG. — Sq. burgiu m-Għ burg, borg
BUDA — Sq. buda. Sard. buda m-Għ. budha
BUĠIJA — Sq. buggia. T. bugia Sp. bujia Fr bougie m.Għ BIGIA — belt fl-Alġerija fejn tinħadem ix-xama'.
BUQ — Sq. bucu T. buco m. Ger.q.Buch aktarx m-Għ-Buq.
BUQAL/BUQAR — Sq. bucali T. buccale (m. Lat. Baucalis) m-Għ buqala, baqala
BURAG — Sq. buragi m.Għ borag, buraq, burak. Pers. burah. Lh. borak (abjad)
BURDNAR — Sq. vurdunaru, burdunaru. X'uħud igħidu m lat Burdus/omis (bagħal) oħrajn m. Għ. BERDAUN (bagħal, bhima tat-tagħbija) BERDAUN.
BUX — Sq. busciu/vusciu m.L. buxus m-Gr puxos m-Lh BUZ
ĊAGHQA — Sq. ciaca m-Għ Hiaka
ĊAKKAR — Sq. ciaccari Sp. chacarero m.Lh Xikkar — raħli, bidwi.
ĊERNA — Sq. ċerna, cernia. Lh. xirjan, xirjen (manjus - ħuta)
ĊIFRA — Tal. ċifra m. Għ. kifr/kafar Sir. sifra Lh. sefar. Ara ZERU.
ĊIKK (xiħ) — Sq. sceccu. Għ. xaikh (xiħ)
ĊIRASA — Sq. cirasa m Għ Masri karaz. Sir qarasija
ĊKEJKEN — T. q. cichino (nitfa). Sp. chiquino m. Għ xuqajqin
ĊMAJRA — T. cimorro Sq. cimoira (m. Gr kymorrhoos) m. Għ gumaira

Ċekkieni ta' giamra (demla) m.Lh. żmarata
DAMASK — T. damasco m. isem tal-belt Damasku
DAMASKINA — m. isem tal-belt Damasku.
DEMUS — Sq. dammusu (ħabs) m. Għ Damus
DENFIL T. delfino m.Għ dilfin, Aff. ta' fuq danfir/darfil.
DIKKIENA — Sq. ticchiena m. Għ dokkan/a (bank tal-ġebel, rħama)
DIQA — Sq. dica m.Għ diq, diqa. Lh. Zuq.
DWANA — T. dogana (m. Gr. dokane — maħżen għall-merkanzija). Sq. duana, Fr. douane. Sp. aduana m.Għ. diwana.
EBBANU — T. abano, Sp. ebano. Lat. ebenus m.Gr EBENOS m.Għ EB-NUS
ELIŻIR — T.elisir, Fr. u Sp. elixir m.Għ el-iksir, al-iksir
FAGUN — Sq. fuciuni m. Għ Fagan
FANFARUN — T. fanfarone, Sp. farfarron Sq. fanfaruni m.Għ FAFAR
FARDAL — Sq. farfadali, fadali, fodali m Għ FODAL — libsa għal ġoddar, għax-xogħol.
FARFETT — Sq. farfetta m.Għ farfur. Sir furfur (pop). Aff. ta' fuq far-futa
FARIŻEW T. fariseo m. Gr pharibaios m. Aram Farux/Pharuxkin (mifrud mis-Sadduċin)
FAŻOLA — Sq. fasola m.Għ fazulia
FELUGA/FELUKA — T. felucca m Għ faluqa, faluka
FELUL — T. ferrula m.Għ tħulul, tħalul
FERKEN — Sq. furcuniari m. furcuni m. Għ farkana
FIGOLLA — Sq. figurella m. T. figura m. Lat. FIGURA Lh. fegullah (biċċa xogħol)
FLUS — Sq. filusi, Sp. foloz Port. foloz m Għ Felus. Kald Files.
FONDOQ — T. fondaco Sp. fondago m. Għ fonduq, funduq (maħżen)
FORN — T. forno m. Lat. fornus, furnus m. Għ Furn Pers. ferun
FRAWLA — Sq. fraula m. Għ. faraula
FRIŻ — Tal. fregio. Sq. frizzu, frecciu, friciu Fr. firse Sp. friso m. Għ. efriz — gwarniċa ta' bini, tiżjin fil-bini.
FROTT — T. frutta, Sq. frutti (m. Lat. fructum) m. Għ. Sir. Leb furut
FUS — T. fuso Sq. fusu m. Għ fus (Mk ta' fas)
FUSTAN — T. fustano Sq. fustanu m Għ fustan (libsa wkoll). Pers. fostan. Tork foxtal. Minn isem ta' belt fejn il-Kajr (Eġittu), Fostat. (FOSTAT)
ĠANDAR — Sq. għandara T. ghianda m. Għ ġadar m. Lh gadar
ĠANNIZZARI — T. giannizzero m-Tork jehitxeri — JEHI (ġdid) Txeri (suldat) Għ. enkxari. Met ta' xantari (iarousse/Stappers)

ĠEBBIEDA — m. ĠIBED Sq. cippata m. Għ. gadhaba, Aff. ta' Fuq gabadh

ĠELBEN — Sq. girbunari m. ghierba m erba (ħaxix) Kanghan geleb

ĠEMEL — T. Cammello Sp. camelo m. Gr kamelos m. Għ gamal m.Lh gamal

ĠESU — T. Gesu (Ing. Jesus) m. Lat. m-Ġr Iesous ml-Lg JEXWA (Għ. Jasu')

ĠULEPP — T. giulebbo Sp. julepe m. Għ gulab Pers. guleb

ĠILGLIEN — Sq. giulgiulena, giuggiulena m. Għ gulgulan

ĠIRAFFA — T. giraffa Sp. girafa, Fr. girafe m. Għ zarafa, garrafah

ĠIŻIMIN — T. q. gesimino Sp. jazmin Fr jasmin m. Għ jasmin, jasamin, Pers. giazimin

ĠOJJELL — T. gioiello aktarx m. L. iocal m. iocare (lagħab) jew gaudium (ferħ) Stappers igħid m. Għ iohar, gawhar (ġawhar)

ĠLATA — Sq. gilata m. Għ. galid

ĠLEKK — T. ciaco Sq. gileiccu, gileccu (ġlekk qasir, sidrija) Sp. chalecu. Fr Jacque m. Tork jalek

ĠOBBA — T. giubba Sp. aljuba m. Għ al-gubba

ĠOJJIN — Sq. zuinu m-Għ. Lh gojim

ĠUBLEW — T. giubileo m-L jubilum m. Gr. iobelaios m. Għ/Lh. iobel li tfisser Tromba li dari kienet tindaqq biex tħabbar xi ġrajja ta' festa, ta' ferħ eċċ.

GAFFA — Sq. gaffa Sp gafa m. Għ. Haqfa (ganċ) Lh. gaf (ħaġa mqabbża 'l barra) Fr. q. graffe m. Ġer. krapfo (ganċ żgħir)

GANĊ — Sq. ġanciu Sp. gancho T. gancio mit-Tork ħanga (ganċ)

GANFRA — T. canfora m-Għ. al-kafur/qafur

GAZZETTA — T. gazzetta. X'uħud mill-flus Venezjan li kien il-prezz tal-ewwel gazzetta. Oħrajn mill-kelma GAZA (Persjana) (teżor)

GELGUL — Sq gorgulu (ħoss ta' ilma li joħroġ bis-saħħa minn xmajjar eċċ) Għ ġalġal m. Ġal (belliegħa) Lh. Galgal

ĠETT — T. ghetto Sq. gettu m. Lh gett (divorzju)

GIDMEJMUN — T. gattomammone (gatto — qattus u mammone mit-Tork Maimunn — xadin) Għ. qird (xadin/a u Tork maimum). QIRDMAIMUM

GOMMA — T. gomma m. Gr. Kommi aktarx m. Għ. Masri kummi, gummi.

GORILLA — T. gorilla m. Gr. mfassla mill-isem ta' bniedem salvaġġ Affrikan imsemmi fil-vjaġġi tal-Kartaġiniżi Hermo 500/600 Q. Kristu.

GRIXTI — (m. GERREX) b. Għ kharraga Sq. acristi (pron agrixti) m. Għ.
GULA — Sp. gula m. Pers. galu.
GUMNA — T. gomena m. Għ. al-gommal
GUNDALLA — Sq. ghintella. M Lh. gadal mgadol (kiber) (b'żjieda ta' N.)
GHABBA — Sq. gabbari m. Għ. 'abba
GHAMBRA — T. ambra m. Għ. għanbra
GHANZALOR — T. azzeruolo Sq. anzalora, anzarora m. Għ. az-zarura, az-zazora
GHOSFOR — (xitla) Sq. usfaru m. Għ. għasfur
HEKK — (T. ecco m. L. Ecce) m. Għ heik, ke
HABBAZIZ — Sq. cabbasisa m. Għ habb aziz (qamħ bnin)
HARRUB — T. carruba Fr charoube m. Għ. kharrub, khavroub Trok karub Lh. carub
HMAR — Sq. camaru m. Għ. sirjan himar Għ. Masri khomar
IMBASTA — Sq. mbasta, basta m. Għ. Bas
INKEJJA — (m. NEKA) Sq. nicheia m. Għ. Sir naka Lh nikkoh (farrak, taħan, saħaq)
INTARSJA — Sp. taracea T. intarsiare (in-tarsia m. L tarsia m. Gr. Tarsos m. Għ. tarsin)
IRRAKKMA — Sq. arraccamari m. Għ Raqama
IRROFFA — Sq. arraffari, arruffari — (xtara bi prezz rħis ħafna) m. Għ
IRROFFA — T. rifiutare m. Għ. rafad
ISSAKKEĠĠJA — T. saccheggio m sacco m. L. saccus m. Gr sakos/sokkos (xkora) m. Lh. saq.
IXXALA — (T. scialare m esalgare m. L. ex-halare) Lh. Xaloh (gawda, ta gost) xelah (tgħażżen, għaddaż-żmien fix-xejn)
KABOZZA — Sq. capozzo m. T. cappuccio m. L. capitium m. Għ kabbasa
KAFE — T. cafe m. Fr. cafe mill-Għ. qahwe, Tork qaveh
KAJJIK — Sq. caiccu m. Għ. Leb. kaiik, Tork kaik
KALIBRU — T. calibro m. Għ. qalib/kalib (mudell, xempju)
KAMORRA — (T. camorra m-Sp. chamorro (bniedem marradi u li m'hu tajjeb għal xejn) Sq. camurra m. T. jew m. Għ. qamr, qemar — logħob tal-azzard
KAMŻU — T. camice m. L. camisia m. Għ. qamis (qmis)
KANNA — T. canna m. L. canna m. Gr. Kanna m. Għ. qanah, Lh qaneh (qasba) (malti qana)
KANNAPE — T. u Sq. canapè m. Fr. canape m. L. canapeum aktarx m.

Gr. kanapes m. Pers. Sir kanabia (aktarx m. Ġer.)

KANNESTRU — T. canestra m. L. canistrum m. Gr. kanastron m Kanna m. Għ. qanah Lh. qaneh. (Sp. canastro)

KAPOTT — T. capotto m Cappa m. L. capa/cappa) Sq. capottu m. Għ qabbut (sir) (mantar tas-suf)

KAPPAR — T. cappero m. L. capparis m. Gr. kapparis m. Għ. qabbar (Sp. alcaparra)

KARAFFA — T. caraffa Sp. Port. garrafa m. Għ. gharafa (qarraba) (Lh. haraph — ħaruf)

KARAMELLA — T. caramella Sp. caramello m. Għ. Kora (boċċa) mħalla/mochalla (ħelwa)

KARAT — T. carato m. Għ. qirat, gerat

KARMELU — T. carmelo m. Lh. karmel Għ. karm (mimli dwieli)

KARMINJU — Sq. carmin m. Għ. qirmasi

KARRAKKA — T. carracca F. caraque Sp. carraca m. L. carracca m. Gr. kraeke m. Għ. karrakka (xini, galjun)

KARROTTA — T. carota m. L. m. Gr. karaton aktarx m. kara (ras) m. Għ. qara

KARTABUN — T. quartabono aktarx m. Għ. qartabun??

KARTELL — T. caratello Sq. carratellu m. carro m. L. carrus m. Lh. aqartel (tnell) (T. cartello — kartellun)

KARUS — Sq. caruso m. Għ. m. Lh. qaras (ġabar)

KASSRU — T. cassero m. Sp. alcazar m. Għ. qasr (fortizza)

**(Jissokta f'ħarġa oħra)**